# P. Prospero Grech, O.S.A. Kardinal

**Kitba ta' P. Franco Grech, O.S.A.**
Pirjol tal-Agostinjani, Ħal Tarxien

Jien għaddejt xi ftit snin ngħix ma' P. Prospero Grech, OSA, meta kont Ruma għall-istudji tiegħi. Inkiteb ħafna fuq dan il-Patri li sakemm ġie elett Kardinal, ftit li xejn kien hawn min kien jafu, imma issa li dan il-Patri sar Kardinal, sirna nafu kollox jew kważi fuqu. Però, tajjeb li nsemmu xi ħaġa aħna wkoll f'dawn il-paġni.



Il-Kardinal Prospero Grech

Qabel xejn, tajjeb li nkunu nafu dan li ġej. Il-Kardinalat huwa dinjità mhux sagrament, anke jekk mill-1962 kull Kardinal normalment irid ikun ordnat Isqof.

Il-ħwejjeġ tal-Kardinali huma bħal dawk tal-Isqfijiet, imma ta' kulur aħmar flok vjola li jagħti fuq l-aħmar. Dan il-kulur aħmar huwa simbolu tad-disponibiltà tal-Kardinal anke li jieħu l-martirju għall-fidi tagħna.

Il-Kardinali jiffurmaw il-Kulleġġ Kardinalizju u l-laqgħa tagħhom taħt il-presidenza tal-Papa tissejjaħ Konċistoru.

Issa ngħidu xi ħaġa fuq il-Kardinal Prospero Grech, O.S.A. Huwa twieled il-Birgu nhar l-24 ta' Diċembru 1925 bl-isem ta' Stanley, minn Vincent u Amelia mwielda Gatt. Wara li għamel l-istudju primarju u sekondarju tiegħu f'Malta, intbagħat Ruma fejn ħa l-lawrja fit-Teoloġija, u l-liċenzjat fl-Iskrittura. Huwa kellu skolarxip fl-Università ta' Oxford. Sena wara ntbagħat Cambrigde bħala assistent riċerkatur fil-Letteratura orjentali.

Il-Kardinal Grech ġie ordnat Saċerdot fil-25 ta' Marzu 1950 fil-Basilika tal-Lateran, Ruma. Wara l-Ordinazzjoni Saċerdotali hu kellu ħafna karigi importanti tant fl-Ordni kemm ukoll fil-kamp akkademiku, ġewwa l-Universitajiet ta' Ruma.

Huwa kellu parti kbira, u nistgħu ngħidu li kien l-ideatur ,tal-Istitut Agostinjan li għandna Ruma msemmi bħala "Augustinianum", fejn jiġu studjati s-Santi Padri. Ta' dan l-Istitut huwa kien ukoll President.

L-Attività tal-Kardinal Grech, tant fil-qasam akkademiku, kemm f'dak pastorali, hija tant kbira li mhux faċli li tiġi elenkat f'dan id-daqsxejn ta' artiklu. Però, huwa ċert li l-Kardinal Grech kien u għadu attiv ħafna.

Bħala rikonoxximent ta' dan kollu, fl-Epifanija, 6 ta' Jannar 2012, il-Papa Beneditt XVI ħabbar li se jaħtru



Il-Kardinal Grech flimkien ma' partijiet Agostinjani Maltin f'Ruma



Il-Kardinal P. Grech wara li ġie maħtur Kardinal

bħala t-tieni Kardinal Malti tal-Knisja Mqaddsa ta' Ruma. Minħabba f'hekk, fit-8 ta' Frar 2012, huwa ġie ordnat Arċisqof, titulari ta' San Leone fl-Italja, minn Mons. Pawlu Cremona, O. P. Arċisqof ta' Malta u Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus. Fil-Konċistoru tat-18 ta' Frar 2012 ġie maħtur Kardinal. Bħala Kardinal għandu t-titlu ta' Santa Maria Goretti f'Ruma.

# *Nifirħulu*

*Il-Kunsill Pastorali Parrokkjali ta' Ħal Tarxien flimkien mal-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jixtieq jifraħ lill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Prospero Grech O. S. A. għall-unur kbir li l-Papa preżenti għoġbu jagħtih, unur mhux biss għalih personali, iżda wkoll unur Nazzjonali għax hu t-tieni Kardinal Malti fl-istorja tal-Knisja Maltija.*

*Ad Multos Annos.*

FREEDOR LIMITED
SINCE 1970
WHOLESALERS OF PHARMACEUTICALS & TOILETRIES

*Jixtiequ l-festa t-tajba lil kulħadd*

***Prop. Emm. Tabone***

20/21, Triq Maria Addolorata, Paola PLA 19, Malta.
Tel: (+356) 2182 6860, 2166 2988 • Fax: (+356) 2167 2566

SILVIO



BUTCHER

**For all kind of Fresh & Frozen Meat**

Stuffed Meats (Laħam Mimli), Bragioli, Marinated Meats, Fresh Daily Chicken, Fresh Local Pork, Fresh Local Beef, Rib Eye Beef Steak, Young Bull T-Bone, Home-Made Burgers, others also available

High quality meat guaranteed

106, Triq Paola, Tarxien
Tel: 2189 2769 • Mob: 9945 2533